StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI
# TAL-*JUNIOR LYCEUM* u L-ISKOLA SEKONDARJA 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**TAQSIMA A**

**Wieġeb fil-qosor imma f'sentenzi sħaħ.** *(30 marka)*

1. Liema sinjali nużaw biex niċċelebraw dawn is-sagramenti?

(i) Il-Magħmudija ________________________

(ii) Il-Griżma tal-Isqof ____________________

2. Għaliex il-Magħmudija tagħtina l-ogħla dinjità li qatt jista' jkollna?

_______________________________________________

3. X'jagħmel fina l-Ispirtu s-Santu fis-sagrament tal-Griżma tal-Isqof?

_______________________________________________

4. Għalfejn Ġesù tana s-Sagrament tal-morda?

_______________________________________________

5. Semmi żewġ enċikliċi soċjali tal-Knisja.

_______________________________________________

6. Għaliex il-Knisja toħroġ ukoll enċikliċi soċjali?

_______________________________________________

7. Lil min għandu jingħata s-Sagrament tal-morda?

_______________________________________________

8. Kif għandna nqisu li l-paga tkun ġusta?

_______________________________________________

9. Għaliex it-tipjip, l-alkoħol u l-ikel żejjed jew nieqes jaqgħu taħt il-ħames kmandament 'La toqtolx'?

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

10. X'nifhmu meta ngħidu li ż-żwieġ nisrani huwa sagrament?

______________________________________________

11. Fisser id-differenza bejn 'divorzju' u 'dikjarazzjoni ta' żwieġ bħala null'.

______________________________________________

12. Għaliex huma moralment ħżiena dawn l-abbużi?

(i) L-istqarrijiet foloz biex wieħed jakkwista servizzi soċjali.

______________________________________________

(ii) It-trattament ħażin ta' persuna refuġjata jew immigrant irregolari.

______________________________________________

13. Tista' toqtol biex tiddefendi ruħek? Spjega f'madwar 20 kelma.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

14. Għaliex insejħu lil Marija ´Omm Alla`?

______________________________________________

15. Għaliex Alla ma jridx li neqirdu l-ambjent naturali?

______________________________________________

**TAQSIMA B** *(14-il marka)*

***Id-dinja tammira lil min jgħix fit-tgawdija u għandu xi setgħa***.

1. Ħares lejn dawn is-siltiet mill-Vanġelu u ikteb dwar kif jaħsibha Ġesù fuq hekk.

| X'għallem Ġesù? | X'irid jgħidilna Ġesù b'dan il-kliem? |
| --- | --- |
| i) ″Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja." (Mk 8, 34) | ______________________ ______________________ |
| ii) ″Min irid ikun kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom." (Mk 10,43) | ______________________ ______________________ |

2. Kif jista' n-Nisrani jgħix dawn l-ideali tal-Mulej Ġesù fid-dinja tal-lum?

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA Ċ** (*16–il mark*

**Fisser dawn is-siltiet mill-Bibbja u mill-Enċikliċi.**

1. "Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab fikom, li għandkom minn Alla?" (1 Kor 6,19)

2. "Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar." (Lq 1, 43)

3. "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom." (Mt 7,12)

4. "Minn naħa waħda, illum il-bniedem qiegħed jagħraf dejjem aktar il-ħila tiegħu li jibdel u f'ċertu sens ´joħloq` id-dinja bil-ħidma tiegħu; minn naħa oħra, iżda, qiegħed jinsa li l-art ġiet fdata lilu minn Alla bħala rigal." (*Centesimus Annus* par. 37).

**TAQSIMA D**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet minn 1 sa 4 u wieġeb fit-tul.** *(40 marka)*

1. ″Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja bil-kotra.″ (Ġw 10, 10)

   a. Irrakkonta tliet mirakli li fihom Ġesù wera r-rispett tiegħu lejn il-ħajja u s-saħħa tal-bniedem. *(9 marki)*

   b. Ġesù qalilna li fl-aħħar tad-dinja se jiġġudikana fuq kemm inkunu ħabbejna l-proxxmu. Agħti żewġ eżempji ta' kif żgħażagħ bħalek qegħdin iwieġbu pożittivament għall-kliem ta' Ġesù. *(5 marki)*

   ċ. Bħal kull żmien fl-Istorja, xi bnedmin warrbu t-tagħlim ta' Ġesù. Ikteb kif il-bniedem tal-lum qiegħed jonqos mir-rispett lejn il-ħajja tiegħu jew ta' ħaddieħor meta jwettaq l-abort, l-ewtanasja, u meta jieħdu d-droga. *(6 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. ″Ħu dan iċ-ċurkett bħala sinjal ta' mħabbti... ″

a. Liema huma ż-żewġ wegħdiet li l-għarajjes jagħmlu lil xulxin quddiem Alla dakinhar li jiżżewġu? *(8 marki)*

b. Fisser kif ma jistax ikun hemm imħabba vera fiż-żwieġ jekk ma jkunx hemm unità, indissolubiltà u fedeltà. *(6 marki)*

ċ. Uri kif id-divorzju jagħmel ħafna ħsara lill-istituzzjoni taż-żwieġ u tal-familja kif iridhom Alla. *(6 marki)*

3. Fil-Griżma ta' l-Isqof, l-Ispirtu s-Santu jagħtina qawwa speċjali biex insiru Nsara maturi.

a. Fisser is-sinjali taż-żejt u tat-tqegħid ta' l-idejn li l-Knisja tuża f'dan is-sagrament. *(4 marki)*

b. X'għandu jagħmel in-Nisrani biex ikollu kuxjenza ffurmata sewwa? *(8 marki)*

ċ. In-Nisrani jilħaq maturità sħiħa meta jkun kapaċi jgħid ´iva` sħiħa lir-rieda t'Alla. Fisser u għid għaliex f'dan, Marija, omm Ġesù, hija l-mudell perfett tan-Nisrani. *(8 marki)*

4. ″Ix-xogħol qiegħed jidħol f'katina dejjem itwal ta' solidarjetà.″

a. Uri kif Alla jrid li, bix-xogħol tiegħu, il-bniedem jiżviluppa l-għaqda fost il-bnedmin. *(4 marki)*

b. Id-dnubiet ta' inġustizzja fuq il-post tax-xogħol jagħmlu mix-xogħol għajn ta' tbatija. Fisser. *(8 marki)*

ċ. Fisser kif is-solidarjetà fuq il-post tax-xogħol tgħin biex il-bniedem:

(i) jiżviluppa lilu nnifsu (bl-arti, bil-mużika, bix-xogħol ta' l-idejn eċċ) *(4 marki)*

(ii) jiżviluppa d-dinja ta' madwaru. *(4 marki)*

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers